MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 41

10 ta' Awwissu 2015

Minuti tas-seduta Nru. 41 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 10 ta' Awwissu 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Wara talbiet għal emendi fil-minuti 4.6.4., 4.6.5, u 4.6.8. il-Kunsill qabel li minuta 4.6.1. **(Ref: F/2/1/Vol I)** għandha tinqara kif ġej:

*"4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 21 ta' Lulju 2015, fejn Ms Sharon Scicluna talbet li tingħata permess sabiex tkun tista' tbigħ ħelu fil-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata. Is-Segretarju spjega li fil-Manikata jeżistu biss żewġ areas li huma okkupati kif ġej:*

| | |
|---|---|
| *Area "A"* | *Robert Mizzi – Kjosk tal-ġelati* |
| *Area "B"* | *Mario Agius – Kjosk tal-ikel* |

*4.6.3. Is-Sur C. Debono spjega li minħabba din ir-raġuni, kien hemm talbiet għal aktar postijiet, liema talbiet ġew rifjutati minħabba dan il-limitu u partikularment għar-raġuni li ma kienx hemm post ieħor ta' riżerva, filwaqt li l-aktar waħda riċenti ġiet sottomessa ftit ġranet qabel l-imsemmija festa u għalhekk il-Kunsill ma kellux żmien biżżejjed biex jikkonsidraha.*

*4.6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo u l-Kunsillier J. Attard esprimew il-fehma, illi minkejja li fil-Manikata mhemmx il-potenzjal ta' bejgħ li jeżisti f'lokalitajiet ikbar, xorta waħda għandu jkun hemm lok li tiżdied area oħra mat-tnejn li diġa jeżistu, li jbiegħu ikel differenti. It-tnejn sostnew li biż-żieda ta' aktar bejjiegħa l-festa fil-Manikata tista' tingħata żvolta oħra.*

*4.6.5. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li huwa ma' jaqbilx li jkun hemm bejgħ ta' ħelu, għaliex dan mhux meqjus tradizzjonali bħalma huwa l-qubbajt. Kompla jgħid li l-konkorrenza fil-festa ma tiddependix minn kemm ikun hemm bejjiegħa, iżda minn fatturi oħra.*

*4.6.6. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li jekk ser jiżdiedu l-areas, il-Kunsill m'għandux jagħżel liema tip ta' bejjiegħa ser ikun hemm fil-Manikata, u għalhekk m'għandux ikun hemm distinzjoni bejn tip ta' bejgħ u ieħor.*

*4.6.7. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx mat-talba peress li aktar 'il quddiem il-Kunsill ikun kostrett li joħroġ aktar permessi u hekk jinbidel il-karattru ta' din il-festa.*

*4.6.8. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li filwaqt illi għandhom jinżammu ż-żewġ postijiet originali fil-post oriġinali tagħhom, għandha tiżdied Area "C" bejniethom, eżatt fir-rokna ta' Misraħ il-Parroċċa, faċċata ta' Ġnien iż-Żerniq. Il-Kunsill qabel ukoll li din id-deċiżjoni għandha tiġi attwata sakemm ma' tiġix f'konflitt mal-Avviż Legali 119 tal-2002. Il-Kunsillier E. Bartolo talab jiġi reġistrat li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni għar-raġunijiet mogħtija fil-minuta 4.6.5. aktar 'il fuq.".*

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta ta' qabel **(Ref: D/3/1/Vol V)** u talab li tinqara kif ġej:

*"15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li titqiegħed crash barrier max-xifer tal-parkeġġ li hemm fi Triq il-Kbira bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Garżella, peress li jeżisti diżlivell kbir u jistgħu jaqgħu il-vetturi għal isfel.*

*15.3.* Il-Kunsill ma laqax il-proposta minħabba li l-art in kwistjoni hija privata. Minkejja dan, kien hemm qbil li huwa importanti li l-ħaxix li jikber fix-xifer tal-parkeġġ ma jinqatax għal kollox sabiex iservi ta' indikazzjoni.

*15.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li saret proposta sabiex titbaxxa l-kurduna man-naħa tax-xellug tal-bankina meta wieħed joħroġ minn Triq Għajn Żejtuna. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.".*

1.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 18.3. tas-seduta ta' qabel **(Ref: T/3/2/Vol XII)** u ssuġġerixxa li tinqara kif ġej:

*"18.3. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem, iżda ma ġie ndikat ebda mezz fiżiku kif jista' jitrazzan dan l-abbuż, għalkemm tressqu xi suġġerimenti.".*

1.4. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti **(Ref: A/9)** u ssuġġerixxa li tinqara kif ġej:

*"19.2.* Il-Kunsillier D. Vella rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta 38 tad-9 *ta' Ġunju 2015 dwar laqgħa li ssejħet mill-Animal Guardians Malta, bil-għan li titjieb is-sitwazzjoni tal-qtates fit-toroq. Huwa qal li din il-laqgħa saret fl-4 ta' Lulju 2015 u l-attendenza għaliha kienet fqira. L-istess għaqda qed tipproponi li jitwaqqaf santwarju għall-qtates f'kull lokalita`. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li rrispettivament mill-intenzjonijiet tal-Animal Guardians Malta, il-Kunsill għandu jipprovdi servizz ta' tiswija tal-qtates (neutering) bil-għan li ma jkomplux jitkattru. Huwa għalhekk ippropona li jitwaqqaf sotto-kumitat fuq is-suġġett, filwaqt li l-ewwel pass għandu jkun li ssir laqgħa għal dawk l-individwi li jitimgħu lill-qtates.".*

1.5. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emendi t'hawn fuq, li ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Jum il-Kunsill 2015 (A/5/3/1/Vol XIV)

2.1.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo aċċenna għall-minuta 7.1. tas-seduta ta' qabel u qal li kien hemm kummenti favorevoli dwar kif kienu mqassma l-unuri li ngħataw fis-serata ta' Jum

il-Kunsill li seħħet fit-30 ta' Lulju 2015. Kompla jgħid li dan il-fattur sar aċċenn għaliħ mill-Eċċ. Tagħha l-President Marie Louise Coleiro għar-raġuni li kienu mifruxa fuq diversi aspetti tal-ħajja. Għaldaqstant, jidher li l-Kumitati dwar ir-Reviżjoni tal-Kriterji u l-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi kienu effettivi biex inkiseb dan ir-riżultat. Is-Sur C. Bartolo qal li l-kant ta' Corazon Mizzi akkumpanjata mużikalment mill-*band* ta' Domenic Galea, l-i*sketch* imtella' mill-Fondazzjoni ARKEO, kif ukoll il-preżentatriċi Norma Saliba, intalaqgħu tajjeb mill-udjenza. Qal ukoll li fl-edizzjoni li jmiss għandu jsir sforż biex il-pubbliku in ġenerali jiġi nfurmat li jista' jattendi mingħajr invit, kif sar sal-edizzjoni 2014.

2.1.3. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini qalet li permezz tas-*silent auction* għax-xogħlijiet tal-artisti li kienu preżenti fil-Bitħa tas-Santwarju inbiegħu żewġ kwadri li saru minn Gilbert Fenech u Joe Bartolo illi nbiegħu bil-prezz ta' €315 u €230, rispettivament. 25% tal-prezz ser jingħataw lill-*Community Chest Fund*.

2.1.4. Is-Sindku qal li l-irbit ta' Jum il-Kunsill ma' l-Iljieli Melleħin għandu jbatti l-argument li l-isem ta' "Jum il-Kunsill" għandu jinbidel għal "Jum il-Mellieħa". Is-Sindku qal li s'issa setgħet ingħatat l-impressjoni li n-nomini jistgħu jsiru biss mill-għaqdiet. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li għandu jinstab mezz kif din l-impressjoni tispiċċa. Huwa qal li aspett partikulari li jrid jingħata attenzjoni fl-edizzjoni li jmiss, huwa l-inviti sabiex jintbagħtu mill-inqas tliet ġimgħat qabel u l-lista tiġi mgħoddija minn aktar minn persuna waħda bil-għan illi jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla barra, jew li jiġi mistieden taħt il-kategorija korretta. Is-Sindku ħa l-opportunita` biex jirringrazzja lill-Viċi Sindku C. Bartolo, lill-Kunsilliera A. Brincat Stellini, l-impjegati tal-Kunsill u dawk tal-*Community Work Scheme* li taw il-kontribut taghhom biex l-attivita` kienet suċċess.

2.1.5. Fuq proposta mressqa mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil li Jum il-Kunsill 2016 isir fil-Bitħa tas-Santwarju nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju 2016.

## 2.2.1. Restawr u kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta ta' qabel u qal li l-avukati tal-Kunsill ħejjew l-avviz dwar is-sejħa għall-interess. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li abbozz tat-talba għall-permess lill-Kummissarju tal-Artijiet ġiet mgħoddija lill-avukati qabel tintbagħat.

2.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

## 2.3.1. Bdil ta' *play equipment* fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 20.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Perit irreveda l-*bill of quantities* fis-sens li ġie ridott għall-*play equipment* biss, filwaqt li l-bażi fejn irid jitqiegħed, issir mill-ħaddiema tad-Dipartiment tas-Servizzi u l-Infrastruttura.

2.3.3. Is-Segretarju spjega li bir-reviżjoni li saret, l-istima niżlet għal €22,270, li ma tinkludix ix-xogħol u l-materjal biex issir il-bażi, li huwa propost li ssir mill-ħaddiema tad-Dipartiment tas-Servizzi u l-Infrastruttura. Is-Sur C. Debono aċċenna li l-vot 7525 allokat għall- Gnien il-Qighan fih €33,000. Huwa fakkar ukoll li l-bdil tal-lampi ser jagħmel tajjeb għalih il-vot 3010, peress li n-nefqa f'dan ir-rigward hija stmata li tlaħħaq €9,000 billi dawn jiffurmaw parti mid-dwal tat-toroq.

2.3.4. Il-Kunsill approva l-ħruġ tas-sejħa.

## 2.4.1. Spażju okkupat fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (T/4/10/Vol II)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fuq talba tal-Kunsill, il-Pulizija għamlu spezzjoni tas-Sea View Bar u wissew lill-operatur sabiex ma jdoqqx mużika bil-lejl, kif ukoll sabiex ma jibqax jokkupa parti sostanzjali mill-*playing field* b'imwejjed u siġġijiet b'tali mod li ma jxekkilx l-użu tal-bandli. Is-Sur J. Buttigieg qal illi minkejja li d-daqq tal-mużika tard bil-lejl jidher li twaqqaf, ma ttieħdet ebda azzjoni dwar l-imwejjed u s-siġġijiet.

2.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni wkoll li apparti li huwa abbuż illi l-*area* tal-bandli qed tiġi okkupata b'dan il-mod, lanqas jista' isir tipjip fiha, skont ir-Regolamenti dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi.

2.4.4. Il-Kunsill qabel li filwaqt illi l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu għandha tintalab tintervjeni dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet mingħajr permess, l-operatur tal-bar għandu jintalab jirtira l-għamara in kwistjoni lill'hinn mill-*play equipment*.

## 2.5.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin. (A/5/3/5/Vol V)

2.5.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li d-dati meta seħħew l-Ijieli – bejn il-31 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu 2015 għenu ħafna biex dan l-avveniment kien ta' suċċess, għaliex apparti l-festi tal-irħula li ħabtu dakinhar ma kienx hemm attivitajiet sinifikanti oħra li setgħu affettwaw l-attendenza. Ovvjament dan jissaraf f'aktar negozju għall-istabbiliment tal-Mellieħa u skont ir-rispons li kien hemm ġie apprezzat mill-komunita` kummerċjali. Is-Sur C. Bartolo qal li l-kunċert tal-31 ta' Lulju bil-parteċipazzjoni tal-kantanti Georgina Abela, Olivia Lewis, Jasmine, u Destiny Chukunyere, flimkien mal-*band* ta' Paul Abela ntlaqgħu tajjeb mill-udjenza numeruża li kien hemm f'Misraħ il-Parroċċa. Problemi li nqalgħu is-Sibt l-1 ta' Awwissu, kienu li l-Gwardjani Lokali ġew aktar tard milli kienu ordnati, iżda bil-koperazzjoni tal-Pulizija t-toroq ingħalqu fil-ħin, filwaqt li kien hemm xi diżgwid ma' persuna partikulari li kellu waħda mill-posti fi Triq Ġorġ Borg Olivier dwar il-post fejn ried jarma.

2.5.3. Il-Kunsillier J. Attard ippropona jkun hemm siġġijiet quddiem il-palk li jintrama f'Misraħ il-Parroċċa, peress li mhux kullħadd ikun jista' joqgħod bil-wieqfa.

2.5.4. Is-Sur C. Bartolo aċċenna wkoll li l-wirjiet tad-*drifting* u tal-*offroading* ma jsirux fl-istess jum, biex id-dilettanti tal-karozzi jkollhom l-opportunita` li jsegwuwhom it-tnejn. Il-Viċi Sindku ħa l-opportunita` biex jirringrazzja lill-Kunsillieri A. Brincat Stellini u Dario Vella, lis-Sinjuri Anthony Caruana, Richard Vella, l-impjegati tal-Kunsill u dawk tal-*Community Work Scheme* li taw il-kontribut taghhom biex l-avveniment kien suċċess.

2.5.5. Is-Segretarju kkummenta li għandu jiġi ċċarat mal-assoċjazzjonijiet involuti fl-*offroading* u d-*drifting*, dwar jekk il-polza tal-assikurazzjoni li għandhom tkoprihomx biex itellgħu l-wirjiet imsemmija fil-minuta 2.6.3. b'tali mod li teħles lill-Kunsill mid-danni li jistgħu jiġu kkawżati. Dan peress li finalment il-Kunsill huwa l-organizzattur tal-Iljieli Melleħin.

2.5.6. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li r-rokna organizzata mill-Għaqda Mużikali Imperial flimkien mas-Sur Andrew Farrugia kienet ta' suċċess, tant li nkiser ir-*record* tal-Malta Records billi saret *apple strudel* twila 123 metri u l-organizzaturi kien fadlilhom 'il fuq minn €3,000 wara li nqatgħu l-ispejjeż, illi ġew mgħoddija lill-*Community Chest Fund*.

2.5.7. Is-Sindku qal ukoll li l-kontribut tal-artisti kien wieħed notevoli u permanenti, peress li saret tpinġija mis-Sur Louis Zammit fit-taraġ li hemm bejn Triq il-Kappillan Magri u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, kif ukoll bit-tpinġija li saret mal-bankijiet ta' Ġnejnet l-Emigranti minn artisti mil-lokalita` ta' Aquaviva Delle Fonti. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li huwa jrid jingħaqad mal-Viċi Sindku fir-ringrazzjamenti tiegħu għal kull minn ikkontribwixxa biex l-Iljieli Melleħin kienu ta' suċċess.

2.5.8. Fuq proposta mressqa mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil li l-Iljieli Melleħin 2016 għandhom jiżvolġu bejn il-Ġimgħa 29 u l-Ħadd 31 ta' Lulju 2016.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/08/15
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 23/06/15 – 20/07/15
- Skeda ta' Pagamenti – 17/07/15 – 06/08/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Rapport Amministrattiv – Sena Finanzjarja 2014

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Riżenja ta' impjegat fi Skala 15 (P/7/1/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Awwissu 2015, fejn is-Sur Jonathan Micallef – impjegat bħala skrivan mal-Kunsill fi Skala 13 – ta r-riżenja tiegħu filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill għat-taħriġ u l-appoġġ li huwa ngħata fit-tliet snin u disgħa xhur li huwa ilu jokkupa din il-kariga.

4.1.3. Is-Segretarju għarraf li huwa diġa beda l-kuntatti meħtieġa sabiex tiġi mpjegata persuna oħra. Huwa spjega li l-proċedura stabbilita tinvolvi l-proċess seġwenti:

1. Sejħa minn fost l-impjegati assenjati mal-Kunsill taħt l-Iskema Xogħol fil-Komunita (*Community Work Scheme*);
2. Sejħa minn fost persuni li diġa huma mpjegati mal-Kunsill (li f'dan il-każ ma tapplikax peress li l-impjegati l-oħra huma diġa fi Skala 15, 14 u 11);
3. Sejħa minn fost persuni li diġa huma mpjegati ma' Kunsilli oħra;
4. Persuni li jidhru fl-Ewwel Parti tar-Reġistru ta' dawk li qed ifittxu x-xogħol;
5. Persuni li jidhru fit-Tieni Parti tar-Registru ta' dawn li jridu jibdlu x-xogħol; u
6. Sejħa pubblika, bil-permess tal-Korporazzjoni tal-Impjiegi u Taħriġ.

Ġie spjegat li din is-sekwenza titwaqqaf f'dak l-istadju li fiħ tinstab persuna li tkun addatta biex timtela' il-vakanza.

4.1.4. Il-Kunsill approva li jinbdew il-proċeduri deskritti aktar 'il fuq.

### 4.2.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija fi Triq Adenau (T/3/2/Vol XII)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 22 ta' Ġunju 2015, mibgħuta mill-Maritim Hotel Antonin & Spa, fejn qed jitolbu li jiġu estiżi l-faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija li għandhom fi Triq Adenau, peress li attwalment il-vetturi qed ikollhom jimblukkaw l-istess triq, jew jieħdu l-ispazju riżervat li għandha l-lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-estenzjoni tal-faċilita` eżistenti tkompli tnaqqas l-ispażju għall-pubbliku, filwaqt li l-problemi li saret referenza għalihom jistgħu jiġu rimedjati bi tqassim aħjar tal-ħinijiet li titgħabba jew tinħatt il-merkanzija.

### 4.3.1. PC 0046/13 – Reviżjoni tal-*policy* dwar l-ippjanar fl-area tal-barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' Awwissu 2015, mibgħut mill-MEPA fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-bord tal-MEPA ser jiddeċiedi dwar il-*policy* l-ġdida fit-13 ta' Awwissu 2015 fir-rigward tal-art li qabel kienet okkupata minn barriera. Dan bil-għan li:

- Jitfassal pjan sħiħ li jinkludi l-linji tat-toroq, użu tal-art, l-għoli tal-bini fil-qafas tal-*policy* tal-2006;
- Sabiex ma jibqax meħtieġ għas-sidien tal-art isegwu ppjanar komprensiv, sakemm jimxu mal-pjan sħiħ li jrid jitfassal; u
- It-tneħħija tal-kunċett tal-*Floor-Area-Ratio*.

4.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li s-Sindku J. Buttigieg u l-Viċi Sindku C. Bartolo qalu li ser jattendiu għal-laqgħa msemmija.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Awwissu 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-23 ta' Ġunju u l-20 ta' Lulju 2015. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-17 ta' Lulju u s-6 ta' Awwissu 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Festi ta' San Ġużepp fil-Manikata u tal-Vitorja fil-Mellieħa (F/2/Vol VIII)(F/2/1/Vol I)

7.2. Is-Sindku qal li l-laqgħa li tissejjaħ mill-Kunsill kull sena tiġbor f'fiha: il-Pulizija, il-Gwardjani Lokali, il-Kappillani u l-Ghaqdiet ser issir fis-17 ta' Awwissu 2015 fis-Sala tal-Kunsill fis-6.00pm.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg, kompla billi ppropona li jkun hemm servizz ta' *park-and-ride* mill-*interchange* tal-karozzi tal-linja sar *roundabout* ta' Triq Qasam Barrani fis-7 u t-8 ta' Settembru bil-għan li titnaqqas il-konġestjoni kkawżati bl-ipparkjar ta' vetturi fil-qalba tal-Mellieħa.

7.4. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li għandu jkun hemm servizz simili mill-Għadira għan-nies li jkunu ġejjin min dik id-direzzjoni. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li servizz mill-Għadira jista' jkun utli għal dawk in-nies li ma jsibux jipparkjaw fil-parti urbana u jkollhom jibqgħu sejrin lejn l-Għadira.

7.5. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li għall-ewwel għandha tiġi evalwata d-domanda b'servizz wieħed mill-*interchange* tal-karozzi tal-linja, fejn hemm spazju sostanzjali fejn wieħed jista ' jipparkja. Dan għandu jitħaddem kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| 7 u 8 ta' Settembru | Bejn il-5.00pm u s-2.00am | Kull 20 minuta |
| 8 ta' Settembru | Bejn il-5.00pm u nofs il-lejl | Kull 20 minuta |

7.6. Is-Segretarju ntalab jikseb stima tal-ispiża nvoluta.

7.7. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jitwaħħlu tabelli "*No Access to Mellieħa Centre*" qabel wieħed jasal għar-*roundabout* ta' Selmun u fejn dik tal-Għadira. Għandha wkoll titwaħħal tabella li tindika "*Park and Ride Pick Up Point*" f'post fejn tidher qrib ir-*roundabout* fit-tarf ta' ġewwa taTriq Qasam Barrani.

7.8. Il-Kunsill iddeċieda li bħas-sena preċedenti għandhom jsiru arranġamenti biex:

- jinġiebu *mobile toilets*, *litter bins*;
- isir il-knis bl-idejn fi Triq l-Inkurunazzjoni, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju u Triq Salvinu Vella waqt il-festa;
- jitpoġġew *litter bins* f'Misraħ il-Parroċċa, fil-Belvedere tas-Sur; Triq l-Inkurunazzjoni, Triq l-Erwieħ, Misraħ iż-Żjara tal-Papa u fi Triq Ġnien Ingraw; u
- tinġieb ambulanza f'lejlet u nhar il-festa fi Triq San Pawl.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

***"Billi r-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2014, ġie approvat fis-Seduta Nru. 36 tal-4 ta' Mejju 2015, liema dokument ġie mgħoddi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika skont il-Proċeduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika);***

***Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi) – Regolamenti 16 u 17 jipprovdu li għandu jitħejja Rapport Amministrattiv li jagħti kont lill-Kunsill tal-finanzi tiegħu matul is-sena ta' qabel; jirrevedi r-riżultati ta' xogħol u finanzarji miksuba kif mqabbla ma' l-għanijiet dikjarati, mal-pjanijiet u mal-budget tal-Kunsill; u jinkludi dikjarazzjoni tad-dħul u l-infieq tal-Kunsill fis-sena li tkun għalqet u l-fondi miżmuma mill-Kunsill fl-aħħar tas-sena;***

***Il-Kunsill japprova r-Rapport Amministrattiv 2014 u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawh u jagħmluh aċċessibbli għall-pubbliku."*.** **(F/1/1/Vol II)**

8.2. Billi ma kienx hemm mistoqsijiet dwar dan id-dokument, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier P. Cutajar.

8.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-istess dokument għandu jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt.

**9.1. Uffiċċju Informazzjoni għat-Turisti (A/6/7/4)**

9.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li l-uffiċjali tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu qed jilmentaw mill-preżenza tal-insetti u s-sħana. Huma għaldaqstant talbu sabiex il-Kunsill jikkonsidra mill-ġdid dwar l-installazzjoni ta' *air conditioner*, bil-kompressur tiegħu jitqiegħed f'kabinett tal-injam bħalma sar fil-każ tal-Enemalta.

9.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li tiġi kkunsidrata l-possibilta` li l-kompressur isir fuq il-bejt tal-Għassa tal-Pulizija. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li meta kien hemm operatur ta' negozju f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II li talab sabiex jinstalla *aerial* tat-*two-way radio*, il-proprjetarju (Parroċċa tal-Mellieħa) kien oġġezzjona li l-*cable* jgħaddi fuq ġewwa mill-kamra ta' fuq.

9.4. Fid-dawl tal-problemi estetiċi, is-Sindku kkummenta li jkun diffiċċli l-Kunsill jikkonċedi twaħħil ta' kompressuri mal-faċċati, anke fil-livell tal-art. Is-Sur J. Buttigieg fakkar li dawn kienu tneħħew għal kollox meta twettaq ir-restawr tal-blokka kollha. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-Awtorita` għandha tfittex soluzzjonijiet alternattivi.

**10.1. Titjib fl-aċċess għall-uffiċċju amministrattiv (K/1/2/Vol V)**

10.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-kuntratt li kien ingħata wara sejħa pubblika 8/2014 sabiex jiġi nstallat bieb (antiporta) li jinfetaħ b'mod awtomatiku. Huwa staqsa għaliex dan ix-xogħol baqa' ma twettaqx.

10.3. Is-Segretarju wieġeb li fil-fatt saru żewġ sejħiet, bl-ewwel waħda kienet 3/2014, li ma kien hemm ebda rispons għaliha. Is-Sur C. Debono qal li sussegwentement saret sejha 8/2014 kien hemm offerta waħda li ġiet aċċettata u nħarġet ittra ta' aċċettazzjoni datata 20 ta' Novembru 2014, lill-offerent Uskin Ltd. Irriżulta li dawn qatt ma resqu għall-kuntratt, minkejja diversi kuntatti li saru magħhom permezz tat-telefon. Dan minkejja li kienet saret laqgħa fuq il-post wara li ntbagħtet l-imsemmija ittra.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir sejħa oħra.

**11.1. Maniġġ tat-traffiku fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u Triq Ta' Fuq il-Widien (T/3/2/Vol XII)**

11.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni li fejn jiltaqgħu ż-żewġ toroq imsemmija, jeżisti spażju kbir li qed jagħti lok għal sewqan perikoluż, peress li ma teżisti ebda ġwida bħalma huma *traffic islands* u/jew *roundabout*.

11.3. Il-Kunsill kien tal-opinjoni li ssir mini *roundabout* biż-żebgħa. Is-Segretarju ppropona li fis-seduta li jmiss għandha tinġieb pjanta li saret mill-*Contracts Manager* li tinvolvi l-istess proposta.

**12.1. Wirja ta' vetturi kollettibbli (A/5/3/Vol XII)**

12.2. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li l-*Car Enthusiasts Day* issir f'Misraħ il-Parroċċa, nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru 2015 mis-6.00pm 'il quddiem.

12.3. Il-Kunsill laqa' l-proposta mresqa.

**13.1. Żieda ta' *litter bins* fit-toroq ewlenin (L/5)**

13.2. Il-Kunsillier D. Vella ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitwaħħlu aktar *litter bins* fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

13.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni, iżda talab lis-Sur D. Vella sabiex jindika l-postijiet fejn dawn huma l-aktar meħtieġa u li ma jqanqlux reazzjoni mir-residenti jew operaturi ta' negozji.

**14.1. Tisbiħ tat-turġien fi Triq San Publiju (P/4/17)**

14.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li fit-taraġ t'isfel fi Triq San Publiju, bejn Triq il-Parroċċa u Triq il-Kappillan Magri, jeżisti sqaq pubbliku. Huwa appella sabiex il-pavimentar tiegħu jiġi inkluż fil-proġett li l-kunsill qed ifassal, li attwalment qed jistenna l-permess tal-MEPA skont l-applikazzjoni PA 2979/14.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**15.1. Tlielaq ta' karozzi klassici organizzati mill-Valletta Grand Prix Foundation (A/6/3/2/Vol 47)**

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-fondazzjoni msemmija billi għandhom l-intenzjoni li jerġgħu jinkludu l-Mellieħa fl-edizzjoni 2015 tal-avveniment imsemmi, li ser issir fit-8 ta' Ottubru. L-istess fondazzjoni talbu l-ħruġ tal-permess meħtieġ.

15.3. Is-Sindku kkummenta li waqt l-edizzjoni tal-2014 kien hemm diversi lmenti, peress li l-avveniment kien fost il-ġimgħa meta ħafna vetturi kummerċjali jużaw Dawret il-Mellieħa, bil-konsegwenza li nħolqot konġestjoni ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira.

15.4. Il-Kunsill iddiskuta rotta alternattiva fit-Triq tal-Wied ta' Rdum minflok li tingħalaq Dawret il-Mellieħa. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-organizzaturi malajr kemm jista' ikun, filwaqt li ssir applikazzjoni formali mal-Kunsill.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 28 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**